MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2013

Numru. 267/2011

**Pulizija**
**(Spettur Therese Sciberras)**
**vs**
**Giovanni Schembri**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Giovanni Schembri bin Pietro u Giuseppa nee' Axisa imwieled fit-18 ta' Lulju 1928 fil-Mosta u residenti 'Lonterns', Triq l-Artikli, SPB u detentur tal-karta tal-identita' numru 430028(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fil-11 ta' Lulju 2010, ghall-habta tal-23:30hrs gewwa Triq il-Qawra, SPB:

(1) Saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni JBH-343, u b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi

fuq il-persuna ta' Joseph Vassallo skond kif iccertifika Dr. Agnes Cachia M.D. mill-MDH.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imputat jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal-perjodu ta' zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Semghat il-provi ;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 2 ta' Lulju 2012 (esebita a fol. 107 process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

fl-Artikoli 17, 31, 226(1)(a), 226(1)(b) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta ;
fl-Artikoli 15(1)(a), 15(2), 15(3), u 32 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Rat li waqt l-udjenza tas-6 ta' Lulju 2012, l-imputat ddikjara li huwa m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza ;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw incident stradali li sehh fil-11 ta' Lulju 2010 ghall-habta tal-11.30pm fi Triq il-Qawra, San Pawl il-Bahar, precizament quddiem il-Fuego Nightclub, fejn il-parti civili Joseph Vassallo safa' milqut mill-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JBH 343 li kienet misjuqa mill-imputat Giovanni Schembri u dan waqt li Vassallo kien qed jaqsam it-triq. Mill-provi rrizulta li Joseph Vassallo sofra griehi ta' natura gravi per durata skond kif jirrizulta mic-certifikat mediku nserit a fol. 95 u 96 tal-atti processwali u mix-xhieda tal-konsulent ortopediku Mr. Charles Griscti li xehed waqt l-udjenza tal-1 ta' Marzu 2012.

Ikkunsidrat:

Illi Joseph Vassallo xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-15 ta' April 2011 fejn huwa spjega li dakinhar tal-incident kien hemm il-final tal-World Cup u kienet ghadha kemm spiccat il-loghba li huwa kien qed jara fuq big screen li kien hemm allestit fil-pjazza ta' Bugibba u huwa mar jigbed il-flus mill-ATM u mbaghad qasam it-triq minn faccata tas-Suncrest Hotel fejn kellu l-vettura parkegjata, Vassallo jghid li huwa hares fiz-zewg direzzjonijiet qabel ma qasam l-ewwel kareggjata u mbaghad qasam it-tieni karreggjata, u cioe' dik tal-vetturi qed jiprocedu mid-direzzjoni tal-Belt dehlin lejn Bugibba u meta wasal madwar metru jew metru u nofs il-boghod mill-bieba tal-vettura tieghu huwa safa' milqut mill-vettura misjuqa mill-imputat. Aktar tard Vassallo jghid li kien lahaq wasal hdejn il-vettura tieghu u fetah il-bieba meta ntlaqat. Vassallo qal ukoll li huwa dam jumejn l-Isptar u kellu concussion u griehi fil-ligament ta' rkoptu x-xellugija fejn dam tlett xhur b'cast tal-hadid u wara kien imur ghall-physiotherapy. Meta xehed in kontro-ezami Vassallo ma kienx kapaci jispjega 'il ghala huwa ghazel li ma jaqsamx miz-zebra crossing li kien hemm ezatt quddiem l-ATM u kkonferma wkoll li dak il-hin tal-incident kien hemm karozzi ferm aktar mis-soltu minhabba li kien il-final tal-World Cup u qal li l-vettura tal-imputat ma kien ra fl-ebda hin qabel ma ntlaqat.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri xehdet ukoll Jeanette Borg nee' Farrugia[1] fejn din qalet li dakinhar tal-incident kienet qed issuq il-vettura taghha hierga minn Bugibba u sejra fid-direzzjoni tas-Salini. Hija qalet ukoll li t-traffiku kien miexi bil-moghod hafna fiz-zewg direzzjonijiet u l-karozzi kienu qed isuqu b'velocita' ta' madwar 20km fis-siegha u kienu qeghdin il-hin kollu jieqfu u jsuqu. Hija qalet li rat l-incident li jifforma l-mertu tal-kawza isehh proprju ghal din ir-raguni u cioe' ghaliex kienet wieqfa fit-traffiku meta rat grupp

[1] Traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 43 et sequitur tal-atti processwali.

zghazagh miexjin fuq il-bankina u f'daqqa wahda wiehed minn dawn iz-zghazagh qabad u qasam it-triq u laqat vettura li kienet qed tinstaq fid-direzzjoni opposta taghha u cioe' kienet sejra fid-direzzjoni ta' Bugibba. Din ix-xhud qalet li fl-ebda hin ma rat lil dan iz-zghazugh li ntlaqat ihares sabiex jara humiex gejjin vetturi qabel ma qabad u qasam. Hija qalet ukoll li l-vettura li laqtet lil dan iz-zghazugh kienet qed tinstaq bil-moghod hafna u spjegat li dan tal-ahhar qasam min-naha l-opposta tat-triq li fiha kienet qed tiprocedi hi. Hija qalet ukoll li waqfet ftit 'il quddiem minn fejn sehh l-incident u li tat il-verzjoni taghha lil Pulizija li kien qed jinvestiga l-kaz u spjegat li ma kienet taf lill-ebda wiehed mill-partijiet involuti f'dan il-kaz.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tal-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz jirrizulta minghajr ebda dubju li l-incident mertu tal-kawza ma sehhx tort ta' xi traskuragni jew nuqqas ta' tharis ta' regolamenti da parti tal-imputat izda sehh minhabba nuqqas ta' proper lookout u imprudenza tal-pedestrian Joseph Vassallo li fi triq mimlija traffiku u b'zebra crossing ftit il-boghod ghazel li jaqbad u jaqsam it-triq minghajr ma jesploraha adegwatament, kif ikkonfermat ix-xhud okulari u ndipendenti Jeanette Borg li qalet li rat lil Vassallo jaqbad u jaqsam minghajr ma jhares, u minghajr ma ghamel l-aktar haga prudenti u cioe' li jaqsam miz-zebra crossing li kien hemm vicin. Mill-iskizz inoltre jirrizulta li Vassallo kellu vizwali tajba tal-vetturi gejjin mid-direzzjoni li minnha kienet gejja l-vettura misjuqa mill-imputat u li kieku huwa verament hares qabel ma qasam kien jara l-vettura gejja u kien jistenniha tghaddi qabel ma jaqsam. Mill-provi rrizulta li l-imputat kien qed isuq b'mod diligenti u prudenti u li l-kawza prossima tal-incident kienet fil-fatt l-agir tal-parti civili stess li qabad u qasam it-triq minghajr ma hares sabiex b'hekk gie quddiem il-vettura misjuqa mill-imputat u laqat l-istess vettura.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------